MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2004

Appell Kriminali Numru. 30/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur M. Buttigieg)**
**Vs**
**Michael Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-3 ta' Gunju, 2002, ghall-habta tal-11.15 a.m. fi Triq Hal-Luqa, Paola, saq vettura nru. EAU-189 u b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tajjar lil Maria Dolores Pisani u nvolontarjament ikkagunalha offizi ta' natura gravi per durata skond kif iccertifika Dr. R. Farrugia M.D. ta' l-Isptar San Luqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Jannar, 2004, li biha, wara li rat l-Artikoli 15 (1)(a), (2), 18 (2) tal-Kap. 65 u l-

Artikolu 226 tal-Kap 9 sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ LM200 u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-zmien xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta’ Frar, 2004 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull htija w piena w fin-nuqqas tbiddel is-sentenza billi tapplika piena anqas oneruza w li s-sospenzjoni tal-licenzji tas-sewqan tkun wahda minima fic-cirkostanzi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ : - 1. li l-fatti tal-kaz juru li l-appellant ma ghandux jirrispondi ghall-akkuzi skond l-artikoli citati fis-sentenza; 2. li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti ; u 3. li ma hemmx l-applikazzjoni tal-artikolu 18(2) tal-Kap.65.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Marzu, 2004 li bih il-Prosekuzzjoni, d-difiza w l-parti civili qablu li l-feriti riportati minn Maria Dolores Pisani kienu ta’ natura gravi per durata.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita fuq ordni tal-Qorti mill-Prosekuzzjoni ;

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat ;

Illi mill-provi mismugha mill-gdid quddiem din il-Qorti jirrizulta li fit-3 ta’ Gunju, 2002 ghall-habta tal-11.15 am. Maria Dolores Pisani kienet qed taqsam it-triq Luqa Road, Paola, quddiem id-dar taghha sejra lura lejn darha bix-xirja meta ntlaqtet mill-car EAU 189 misjuqa mill-appellant li dak il-hin kienet qed tregga’ lura , ghax kien ra li ma jistax jghaddi w ried jirriversja lura biex jghaddi minn “side street”. Pisani ntlaqtet fuq il-lemin taghha w waqghet fuq il-gemb xellugi taghha w spiccat mall-gemb tal-lemin tal-car magemb il-bieba tad-driver. L-appellant xehed li qabel regga’ lura kien hares lura fit-tlitt mirja w dawwar rasu izda

ma ra xejn . Kien irriversja tul ta' karozza u nofs . Sema' "Ow. Ow. Ow" izda ma sema' ebda daqqa'. In kontro-ezami hu qabel ma l-*sketch* u xehed li ma kien ra lil hadd . Irrizulta anki kif qablu il-Prosekuzzjoni, d-difiza w l-parti leza li l-feriti riportati minn Pisani kienu ta' natura gravi .

Illi hu assodat li l-incident in ezami gara meta l-appellant kien qed jirriversja. Issa r-regolament 81 tal-*Motor Vehicle Regulations* (A.L.128 tal-1994) jiddisponi li :-

"*Kull min isuq vettura bil-mutur ma ghandux iregga' lura izjed 'il boghod jew f'izjed milli jkun bilfors mehtieg u* ***ghandu jiehu dawk il-prekawzjonijiet li huma mehtiega biex jiskansa hbit u accidenti ma' nies jew vetturi ohra fit-triq."*** (emfasi tal-Qorti)

Imbaghad il-paragrafu 80 tal-*Malta Highway Code* jirrakkomanda :-

*"Before you reverse, make sure that there are no children or other persons or any obstruction in the blind area behind you ….."*

Illi hu ovvju li daqs kemm hu importanti li wiehed izomm "*a proper lookout*" waqt li qed isuq 'il quddiem, hu ferm u ferm aktar importanti li wiehed jezercita kull prekawzjoni biex izomm *"lookout*" adegwat meta qed iregga' lura , billi din hi manuvra aktar difficli ghas-sewwieq u l-vizwali tieghu lura tkun necessarjament inqas . Gie appropositu ritenut li "hu dover ta' driver *"to see what is in plain view*" (Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella**" [10.8.1963]) u li "min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara ifisser li ma kienx qed izomm "*a proper lookout*" (Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** [17.6.1961]). Illi fi "**Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd"** (1968) , Il-Qrati Inglizi kienu irritenew li :-

*"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead* ***– it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity . A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built***

***up area , of the pavements on the side of the road as well.”*** (emfasi tal-Qorti)

Issa fil-kaz in ezami , hu inkoncepibbli kif l-appellant ma rax lill-Pisani fit-triq f’ xi hin qed taqsam kemm qabel ma rriversja jew waqt li qed jesegwixxi din il-manuvra, kieku hares sewwa. Mill-fatt innifsu li hu xehed li f’ ebda hin ma ra lil Pisani qabel ma sabha stenduta fl-art magemb il-bieba tal-lemin tieghu johrog car u lampanti li hu ma kellux dan il-*lookout* . Indubbjament dan in-nuqqas fis-sewqan tieghu kien il-kawza prossima w determinanti tal-incident u jirrendih responsabbli ghall-sewqan bi traskuragni w ghall-feriti gravi involontarji riportati minn Pisani.
Imbaghad il-fatt li Pisani waqghet u instabet ma gemb il-vettura ma jeskludix li hi ntlaqtet bil-wara tal-car tal-appellant, kif qed jargumenta l-appellant , ghax il-pozizzjoni finali taghha mal-gemb tal-car hi facilment spjegabbli bil-fatt li l-car baqghet miexja w ma waqfitx mal-laqta izda biss wara li l-appellant sema’ lil xi hadd jghajjat “Ow.Ow.Ow.” u f’dak l-intervall qasir hu ovvju li l-car kienet kompliet timxi ftit lura w hekk lahqet giet magenb fejn kienet waqghet Pisani wara li ntlaqtet.

Illi imbaghad anki kieku Pisani seta’ – u dan qed jinghid biss ghal grazzja tal-argument , ghax ma jirrizultax lanqas fuq bazi ta’ probabbilta’ – kellha xi tort ghal dak li gara , dan bl-ebda mod ma jezonera lis-sewwieq appellant , ghaliex kif dejjem gie ritenut “Il-*“contributory negligence*” ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru .” (ara Appell Kriminali “**Il-Pulizija vs. P.Vassallo**” [Kollez. Vol. XXXVIII , iv. p. 883] u ohrajn .)
Fil-fatt Pisani meta ddecidiet li taqsam it-triq biex tmur ghan-naha tad-dar taghha kienet rat il-vettura tal-appellant wieqfa meta din kienet gja skorrietha w kellha kull ragun tistenna’ li din ma tinsaqax **lura** lejha .

Ghalhekk din il-Qorti taqbel perfettament mall-motivazzjoni tal-Ewwel Qorti li biha sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu w l-ewwel zewg aggravji tieghu qed jigu respinti , salv dak li ser jintqal fil-paragrafu li jsegwi.

Illi dwar l-aggravju li ma hemmx l-applikazzjoni tal-artikolu 18(2) tal-Kap.165 fil-kaz in ezami , jidher li l-appellant teknikament u legalment ghandu ragun ghax fl-ewwel lok dan l-artikolu m’ghandux sub-inciz (2) u llum l-artikolu 18 jirriferi ghall-licenzji dwar vetturi tal-kiri u m’ghandu x’jaqsam xejn mall-meritu ta’ din il-kawza. Ovvjament dan l-artikolu gie citat bi zball mill-Ewwel Qorti , pero’ dan ma jbiddel xejn ghaliex xorta wahda gew citati korrettement l-artikoli 15 tal-Kap. 65 li jipprovdi ghal sewqan bi traskuragni w l-piena applikabbli ghalih u l-artikolu 226 tal-Kap.9 li jipprovdi ghar-reat ta’ ferita gravi involontarja. Ghalhekk minkejja dan l-izball , xorta wahda gie rispettat il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 tal-Kap.9 u ma hemm ebda nullita’ fis-sentenza appellata . Inoltre dak li kien kopert bl-artikolu 18(2) qabel ma gie emendat u cioe’ ghar-rigward tal-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan , illum hu kopert fl-artikolu 15 citat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata .

Illi ghalkemm ma hemmx aggravju dwar il-piena “ut sic” imma biss talba ghar-riforma taghha fir-rikors tal-appell , il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella”** [14.6.1999] , **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**” [24.4.2003] u ohrajn.) F’dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi ghaliex l-artikolu 226 tal-Kodici Kriminali jipprovdi ghall-piena ta’ multa **ta’mhux izjed minn elf lira** Maltin jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlitt xhur . Il-periodu tas-sospensjoni hu ukoll entro l-parametri legali ghal sewqan bi traskuragni skond l-artikolu 15 tal-Kap.65. Ghalhekk din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena.

Ghal dawn il-motivi , l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata b’dan li l-periodu tal-iskwalifika tal-appellant mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghandha

tibda’ minn-nofs il-lejl u minuta ta’ ghada 26 ta’ Marzu, 2004.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------